KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.2.2009
KUMM(2009) 89 finali

2009/0024 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jħassar 14-il Regolament li m'għadx hemm lokhom fil-Politika Komuni tas-Sajd

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kummissjoni nediet inizjattiva bil-ħsieb li taġġorna u tissimplifika l-acquis Komunitarju[1] fil-kuntest tal-programm "Regolamentazzjoni Aħjar". Waħda mill-azzjonijiet ewlenin għandha x'taqsam mal-identifikazzjoni tal-acquis li hemm fis-seħħ permezz ta' analiżi tal-Atti mniżżla fid-Direttorju tal-leġiżlazzjoni li hemm fis-seħħ. Meta l-analiżi turi li t-testi legali li huma formalment fis-seħħ m'għadhomx iktar attivi, il-Kummissjoni tipproċedi billi tħassar dawk l-Atti, permezz ta' Att formali tal-Kummissjoni, Proposta għal Att tal-Kunsill, jew rikonoxximent formali tal-proċess ta'waqfien mill-użu, f'ġieh iċ-ċarezza u s-sigurtà legali. It-tħassir tal-Atti li m'għadhomx jintużaw fil-qasam tas-CFP huwa previst fil-Programm Kontinwu ta' Simplifikazzjoni adottat fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju, id-dokument COM (2008) 712 – (anness għas-CLWP 2009).

B'mod parikolari, il-Kummissjoni kkommettiet li tirrevedi l-korp tal-liġi Komunitarja li għandu x'jaqsam ma' din il-politika meta ġie adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-2006-2008 sabiex tkun issimplifikata u mtejba l-Politika Komuni tas-Sajd[2].

Kid jidher mill-analiżi li twettqet, għadd ta' Atti adottati mill-Kunsill huma sewwasew skaduti, għalkemm xorta waħda għadhom formalment fis-seħħ. Sabiex dawn l-Atti jitneħħew mill-acquis attiv, hemm il-ħtieġa ta' Att tal-Kunsill, li għandu jkollu l-istes forma tal-Att li se jitħassar (jiġifieri Deċiżjoni, Regolament u Direttiva). Madankollu, minħabba li se titħassar Direttiva waħda biss u l-forma hija qrib ta' dik użata għal Deċiżjoni, din tiddaħħal fil-Proposta li għandha x'taqsam mat-tħassir tad-Deċiżjonijiet. It-tieni proposta tiġbor ir-Regolamenti tal-Kunsill li għandhom jitħassru wkoll minħabba li huma skaduti.

Meta jiġu adottati l-Atti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jistabbilixxu listi ta' testi legali skaduti, l-Atti attivi biss għandhom jidhru fid-Direttorju tal-liġi Komunitarja li hemm fis-seħħ, b'hekk il-leġiżlazzjoni Komunitarja tkun iktar ċara, tinftiehem iktar u aġġornata.

---

1 COM(2003)71.

2 COM(2005)647.

2009/0024 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jħassar 14-il Regolament li m'għadx hemm lokhom fil-Politika Komuni tas-Sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikoli 162, 163(3), 164 (4), 165 (8), 171, 349 (5), 351 (5) u 352 (9) u 358 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[3] u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) It-titjib tat-trasparenza tal-liġi Komunitarja huwa element essenzjali tal-istrateġija aqwa tar-regolamentazzjoni li l-istituzzjonijiet tal-Komunità qed jimplimentaw. F'dak il-kuntest huwa xieraq li dawk l-atti li m'għadx għandhom effett reali jitneħħew mil-leġiżlazzjoni effettiva.

(2) Ir-Regolamenti li ġejjin, marbuta mal-politika komuni tas-sajd, m'għadx hemm lokhom, minkejja li formalment għadhom fis-seħħ:

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 31/83 tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar miżura komuni interim għar-ristrutturazzjoni tal-industrija tas-sajd fl-ibħra lokali u l-akwakultura[4]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kkonċerna l-finanzjament tal-Komunità tal-proġetti ta' investiment għas-sena 1982;

– **Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3117/85 tal-4 ta' Novembru 1985 li jippreskrivi regoli ġenerali dwar indennizzi f'forma ta' kumpens fir-rigward tas-sardin[5].** L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kien maħsub għall-applikazzjoni fil-perjodu tranżitorju li jiġi wara l-adeżjoni ta' Spanja fil-Komunitajiet Ewropej;

---

3 *ĠU L 358, 31.12.2002, p.59.*
4 ĠU L 5, 7.1.1983, p. 1.
5 ĠU L 297, 9.11.1985, p. 1.

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3781/85 tal-31 ta' Diċembru 1985 li jippreskrivi l-miżuri li jridu jittieħdu rigward operaturi li ma jikkonformawx ma' ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sajd li jinsabu fl-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall[6]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kien maħsub għall-applikazzjoni fil-perjodu tranżitorju li jiġi wara l-adeżjoni ta' Spanja fil-Komunitajiet Ewropej;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3252/87 tad-19 ta' Ottubru 1987 dwar il-koordinament u l-promozzjoni fir-riċerka fil-qasam tas-sajd[7]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li l-każ huwa kopert mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd[8];

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3571/90 tal-4 ta' Diċembru 1990 li jintroduċi diversi miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd f'dik li kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja [traduzzjoni mhux uffiċjali][9]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kien maħsub għall-applikazzjoni fil-perjodu tranżitorju li jiġi wara l-unifikazzjoni tal-Ġermanja;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3499/91 tat-28 ta' Novembru 1991 li jistabbilixxi qafas Komunitarju għal studji u proġetti-pilota għall-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-Mediterran[10]. Dak ir-Regolament eżawrixxa l-effetti tiegħu minħabba li l-każ huwa kopert mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94[11];

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1275/94 tat-30 ta' Mejju 1994 dwar aġġustamenti għall-arranġamenti fil-kapitli dwar is-sajd fl-Att tal-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall[12]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kien maħsub għall-applikazzjoni fil-perjodu tranżitorju li jiġi wara l-adeżjoni ta' Spanja fil-Komunitajiet Ewropej;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1448/1999 tal-24 ta' Ġunju 1999 li jdaħħal miżuri transitorji għall-immaniġjar ta' ċerti postijiet tas-sajd fil-Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1626/94[13]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li l-każ huwa kopert issa bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 300/2001 tal-14 ta' Frar 2001 li jistabbilixxi l-miżuri li għandhom japplikaw fl-2001 għall-irkupru tal-ħażniet tal-merluzz fil-baħar Irlandiż (iż-żona ICES VIIa) [traduzzjoni mhux uffiċjali][14]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kien maħsub li jkun fis-seħħ f'perjodu li kien diġà skada;

---

6 ĠU L 363, 31.12.1985, p. 26.
7 ĠU L 314, 4.11.1987, p. 17.
8 ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.
9 ĠU L 353, 17.12.1990, p.10.
10 *ĠU L 331, 3.12.1991, p. 1.*
11 ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.
12 ĠU L 140, 3.6.1994, p. 1.
13 *ĠU L 167, 2.7.1999, p. 7.*
14 ĠU L 0.44, 15.02.2001, p. 12.

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2561/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jimmira li jippromwovi l-konverżjoni ta' bastimenti tas-sajd li kienu dipendenti fuq il-ftehim tas-sajd mal-Marokk sal-1999, jiddependi mill-ftehim tas-sajd fil-Marokk[15]. Dan ir-Regolament eżawrixxa l-effetti tiegħu minħabba li l-pjanijiet nazzjonali għall-konverżjoni tal-flotta li kien japplika għalihom spiċċa;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2341/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi għall-2003 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet [ħażniet] ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet [ħażniet] ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid[16] L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li kien maħsub sabiex imexxi l-attivitajiet tas-sajd li twettqu fl-2003;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2372/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jwaqqaf miżuri speċifiċi biex ikunu kumpensati il-prodotti tas-sajd ,l-industrija tal-krostaċej u l-akwakultura [Spanjoli], li ġew affettwati mit-tixrid taż-żejt li kien ikkawżat mill-għarqa tat-tanker Prestige[17]. L-effetti ta' dan ir-Regolament ġew eżawriti minħabba li l-programm nazzjonali ta' kumpens li kien japplika għalihom spiċċa;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2287/2003 tad-19 ta' Diċembru 2003 li jiffissa għas-sena 2004 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli f'ibħra Komunitarji u, għal bastimenti Komunitarji, f'ibħra fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet ta' qabdiet[18]. Dan ir-Regolament eżawrixxa l-effetti tiegħu minħabba li kien maħsub sabiex imexxi l-attivitajiet tas-sajjied li twettqu fl-2004;

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 52/2006 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2006[19]. Dan ir-Regolament eżawrixxa l-effetti tiegħu minħabba li kien maħsub sabiex imexxi l-attivitajiet tas-sajjied li twettqu fl-2006;

(3) Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, dawn ir-Regolamenti skaduti għandhom jitħassru,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Regolamenti li se jitħassru

Ir-Regolamenti: (KEE) Nru 31/83, **(KEE) Nru 3117/85,** (KEE) Nru 3781/85, (KEE) Nru 3252/87, (KEE) Nru 3571/90, (KE) Nru 3499/91, (KE) Nru 1275/94, (KE) Nru 1448/99, (KE) Nru 300/2001, (KE) Nru 2561/2001, (EC) Nru 2341/2002, (KE) Nru 2372/2002, (EC) Nru 2287/2003 u (KE) Nru 52/2006 huma mħassra.

---

15 ĠU L 344, 28.12.2001, p.17.
16 *ĠU L 356, 31.12.2002, p. 12.*
17 ĠU L 358, 31.12.2002, p.81.
18 ĠU L 344, 31.12.2003, p. 1.
19 *ĠU L 16, 20.1.2006, p. 184.*

Artikolu 2
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President